# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 692/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Benjamin James CARTER [ID 65976A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-1 ta' Settembru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf erba' mija erbgha u disghin euro u sebghin centezmi ta' euro [€1,494.70c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, erba' mija, erbgha u disghin euro u sebghin centezmu (€1,494.70) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni (telefon bin-numru 21433269, internet fuq telefon bin-numru DSL-21433269, u televizjoni numru 01425142221 u 01425142222) li jgib l-akkont numru A/C

> 40182278 moghtija missocjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY 4 – kopja ta' Ittra Ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.
>
> Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-indirizz skond ir-Registru Elettorali huwa 79, Triq Sant' Anton, Attard (fol. 5).

Ra n-nota mressqa minn Storm Petrel Foundation fit-28 ta' Ottubru, 2015 u li permezz taghha rritornat l-avviz mertu ta' din il-kawza li gie erronjament notifikat fil-proprjeta taghha stante li hija m'ghandha x'taqsam assolutament xejn ma din il-kawza u li hi m'ghandha x'taqsam xejn u m'ghandha ebda konnessjoni mal-intimat Carter Benjamin James.

Ra li fis-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2015 Dottor Ingrid Zammit Young iddikjarat li skont l-ahhar registru elettorali l-indirizz mghoti tal-intimat huwa dak korrett u konsegwentement talbet li n-notifika ta' l-intimat titqies bhala wahda valida skont il-ligi. It-Tribunal, wara li ra l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 laqa' t-talba.

Ra li l-intimat, wara dan id-digriet, gie debitament notifikat skont il-ligi, anke bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni. Huwa baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Ingrid Zammit Young iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf erba' mija erbgha u disghin euro u sebghin centezmi ta' euro [€1,494.70c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni (telefon bin-numru 21433269, internet fuq telefon bin-numru DSL-21433269, u televizjoni numru 01425142221 u 01425142222) li jgib l-akkont numru A/C 40182278.

Ikkunsidra;

2. Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf erba' mija erbgha u disghin euro u sebghin centezmi ta' euro [€1,494.70c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-12 ta' Novembru, 2014 data tal-ittra ufficjali (fol. 6), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2319/14, huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**